MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 6/2001/1

**Dr. John J. Cassar għan-nom u in rappreżentanza ta' Forestals (Appliances) Limited**

**vs**

**John ŻARB u John Lowell għan-nom u in rappreżentanza ta' Plants Operations Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fl-4 ta' Jannar, 2001, li bih ir-rikorrent *nomine* ippremetta:

Illi bis-saħħa ta' sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti, ġia Qorti tal-Kummerċ, fid-19 ta' Jannar 1995, f'kawża fl-ismijiet premessi, l-esponent nomine ġie kanonizzat kreditur tas-soċjeta' intimata fis-somma ta' sitt elef seba' mija u ħamsa u għoxrin liri maltin (Lm6,725.00), oltre l-imgħaxijiet legali ikkalkolati bir-rata ta' 8% fis-sena mid-data tal-konsenja tal-merkanzija u flimkien mal-

ispejjeż tal-kawża ammontanti għas-somma ta' mitejn u ħamsa u għoxrin liri maltin u sitta u erbgħin ċenteżmu (Lm225.46);

Illi mid-data tas-sentenza sallum is-soċjeta' intimata għamlet xi pagamenti akkont pero' sallum hija tinsab debitriċi fil-konfront tal-esponent nomine fis-somma ta' Lm3,966.61 oltre l-ispejjeż tal-kawża hawn fuq imsemmija;

Illi l-esponent nomine jirrileva illi l-kontendenti kellhom diversi laqgħat u proposti kif l-ammont hawn fuq imsemmi għandu jiġi saldat mis-soċjeta' intimata u kien għalhekk illi s-sentenza hawn fuq imsemmija ma ġietx esegwita f'dawn l-aħħar ħames snin;

Illi preċizament fis-7 ta' Ottubru 1997, l-esponent kien ippreżenta Mandat ta' Sekwestru bin-numru 5202/97 kontra s-soċjeta' intimata pero' sussegwentement l-istess mandat ġie revokat fuq il-promessa illi l-ħlas kollu dovut mis-soċjeta' intimata kellu jiġi mħallas immedjatament;

Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, l-esponent nomine jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħgobha tordna li s-sentenza fl-ismijiet premessi, mogħtija fid-19 ta' Jannar 1995, tiġi rikonfermata u dan fl-aħjar interess tat-titolu ezekuttiv tal-esponent nomine;

Rat it-Tweġiba mressqa fil-25 t'April, 2001, li biha l-intimati *nomine* ikkontestaw it-talba billi qalu li kulma kien dovut minnhom tħallas għas-saldu, kif jirriżulta minn ittra datata 2 ta' Ġunju, 1998, u li, subordinatament, billi s-somma mitluba fir-rikors tinkludi fiha l-imgħaxijiet, liema talba ma tistax issir f'dan ir-rikors li hu intiż biss sabiex jirraviva sentenza li kanoniżżat somma kapitali konsistenti f'sorte;

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet, u rat il-provi dokumentali mressin minnhom;

Rat it-Tweġiba ulterjuri mressqa mill-intimati *nomine* fid-9 ta' Lulju, 2001[1], li biha eċċepew li jirriżulta li seħħet novazzjoni tal-obbligazzjoni kontenuti fis-sentenza, bi ftehim ġdid u espress li ssostitwixxa l-obbligazzjoni fis-sentenza dwar il-ħlas tal-kapital u l-interessi kanoniżżati bis-sentenza li tagħha qed tintalab l-eżekuzzjoni, u għalhekk ir-rikors għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż billi l-obbligazzjoni fis-sentenza ġiet sostitwita b'obbligazzjoni ġdida;

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet dwar din it-tweġiba ulterjuri;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija intimata fil-5 ta' Diċembru, 2002[2];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija rikorrenti fit-8 ta' Jannar, 2003[3], bi tweġiba għal dik tal-intimata;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Rat illi r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni skond l-artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex sentenza li ngħatat aktar minn ħames snin qabel terġa' tiġi magħmula eżegwibbli;

Illi għal din il-proċedura, l-kumpannija intimata laqgħet billi eċċepiet li ħallset kulma kien minnha dovut u, subordinatament, li parti mill-ammont li qiegħed jintalab li jerġa' jsir eżekuttiv jinkludi mgħax miġmugħ li ma kienx jagħmel parti mis-"sorte" kanoniżżat fl-imsemmija sentenza. Bit-Tweġiba ulterjuri, il-kumpannija intimata qegħda tgħid li, wara li kienet ingħatat l-imsemmija sentenza, il-partijiet kienu laħqu ftehim li bih il-kumpannija intimata tħallas ammont għas-saldu u jinqata' d-dejn kollu b'dak il-ħlas: b'hekk tgħid li l-imsemmija sentenza ma

[1] Paġ. 25 tal-proċess
[2] Paġġ. 53-7 tal-proċess
[3] Paġġ. 59 sa 62 tal-proċess

tistax tiġi aktar magħmula eżegwibbli għaliex seħħet novazzjoni bis-saħħa tal-ftehim il-ġdid;

Illi, bħala regola, azzjoni bħal dik li għandha quddiemha l-Qorti hawnhekk ma tippreżenta l-ebda diffikulta', u dan għaliex ir-rimedju maħsub fil-liġi għall-qawmien mill-ġdid ta' titolu eżekuttiv li ikun baqa' mhux eżegwit wara li jgħaddu ħames snin huwa rimedju x'aktarx tekniku. Kemm hu hekk, huwa aċċettat li l-eżami waħdieni li għandha tagħmel il-Qorti f'kawża bħal din huwa li tistħarreġ u taċċerta ruħha li l-istess titolu eżekuttiv jeżisti tassew u li l-ammont kanonizzat jew xi bilanċ minnu għadu ma ngħabarx[4]. Huwa loġiku wkoll li jekk kemm-il darba l-intimat fi proċedura bħal din jgħid li l-ammont kanonizzat m'għadux dovut jew tħallas[5], jaqa' fuqu l-piż li jipprova dak li jallega, u dan skond ir-regola ġenerali tad-dritt proċedurali[6] li min jallega fatt irid iressaq prova tajba ta' dak allegat;

Illi fil-każ preżenti ma huwa bl-ebda mod kontestat li, fid-19 ta' Jannar, 1995, il-Qorti tal-Kummerċ tat sentenza li biha ikkanonizzat lill-kumpannija rikorrenti bħala kreditriċi tal-kumpannija intimata, wara li l-istess kumpannija attriċi kienet ressqet Nota ta' Riduzzjoni tal-ammont mitlub, u wara li l-kumpannija intimata kienet stqarret b'Nota fl-atti ta' dik il-kawża t-talba attriċi kif hekk imnaqqsa[7]. Minħabba li kien sar dak it-tnaqqis, jidher ukoll li kien hemm arranġament dwar il-piż ta' kull parti fil-kap tal-ispejjeż, liema ftehim ġie rifless ukoll fil-parti dispożittiva tas-sentenza. Lanqas ma huwa kontestat li nħarġet it-taxxa uffiċjali tal-ispejjeż tal-kawża wara l-għoti ta' dik is-sentenza. Sentenza li tkun saret ġudikat u kif ukoll taxxa tal-ispejjeż ġudizzjarju huma meqjusa bħala titoli eżekuttivi skond l-artikolu 253(a) u (ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi hija l-kumpannija rikorrenti nnifisha li qegħda tgħid li l-bilanċ li għadu dovut lilha mill-ammont kanonizzat fl-imsemmija sentenza ma tħallasx kollu. Hija ssemmi tali

[4] P.A. RCP **12.12.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Periċi Calascione vs Mario Fenech***
[5] P.A. RCP **18.4.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***HSBC Malta p.l.c. vs John Dalli et noe***
[6] Art. 562 tal-Kap 12
[7] Dok "FA1", f'paġ. 31 tal-proċess

bilanċ u tgħid ukoll li lanqas sehemha mill-ispejjeż tal-kawża ma tħallsu. Biex tfisser kif waslet għall-ammont li hija tgħid li għad fadlilha tieħu, il-kumpannija rikorrenti ressqet ukoll prospett spjegattiv dettaljat[8];

Illi l-kontestazzjonijiet imressqin mill-kumpannija intimata, iżda, ħolqu l-ħtieġa ta' stħarriġ f'aktar dettal. L-ewwel konsiderazzjoni li l-Qorti sejra tieħu hija dwar **l-eċċezzjoni li t-titolu eżekuttiv m'għadux fis-seħħ (u għalhekk ma jistax jiġi iżjed eżegwibbli) għaliex seħħet novazzjoni b'obbligazzjoni ġdida miftehma bejn il-partijiet**. Skond il-kumpannija intimata, dan il-ftehim ġdid sostitutiv u espress kien jikkonsisti f'li l-kumpannija intimata tħallas disa' mitt lira Maltija (Lm 900) għas-saldu. Skond l-istess kumpannija, dak il-ftehim intlaħaq waqt laqgħa li saret bejn il-partijiet f'Lulju tal-1998. Hija tgħid li b'hekk seħħet novazzjoni tal-obbligazzjoni;

Illi n-novazzjoni li għaliha tirreferi l-kumpannija intimata hija dik maħsuba fl-artikolu 1179(a) tal-Kodiċi Ċivili. Hija r-rieda tal-liġi li n-novazzjoni trid tidher ċar mill-fehma tal-partijiet li jikkuntrattawha, u ma tistax tiġi preżunta[9]. Biex isseħħ in-novazzjoni, l-obbligazzjoni l-qadima trid tinqatel u mhux sempliċement titbiddel[10]. F'każ ta' dubju,in-novazzjoni tiġi eskluża[11]Huwa aċċettat li l-elementi meħtieġa biex isseħħ novazzjoni oġġettiva ta' obbligazzjoni huma (a) l-eżistenza ta' obbligazzjoni preċedenti li (b) għaliha tidħol obbligazzjoni ġdida li tħassar, u mhux biss timmodifika jew tibdel[12], 'il ta' qabilha b'mod li ż-żewġ obbligazzjonijiet ikunu inkompatibbli ma' xulxin[13]. Huwa meħtieġ ukoll li jintwera li (ċ) partijiet li joħolqu l-obbligazzjoni novanti jkollhomil-kapaċita' li jikkuntrattaw[14] u li (d) kellhom il-fehma li jħassru obbligazzjoni billi jibdluha ma' oħra ġdida. Dwardan l-aħħar element, m'huwiex biżżejjed li parti waħda kellha l-

[8] Dok "FA", f'paġġ. 29-30 tal-proċess
[9] Art. 1180(2) tal-Kap 16
[10] Art. 1181(1) tal-Kap 16
[11] App. Ċiv. **6.6.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Mizzi et noe vs Ennis*** (Kollez. Vol: **LXVIII.ii.169**)
[12] App. Ċiv. **25.5.1956** fil-kawża fl-ismijiet ***Koludrovich vs Muscat*** (Kollez. Vol: **XL.i.204**)
[13] P.A. **10.10.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Baldacchino vs Casinġena et*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.657**)
[14] Art. 1180(1) tal-Kap 16

*animus novandi*, biex isseħħ in-novazzjoni, għaliex dik il-fehma trid tintwera li tkun ukoll fil-parti kontraenti l-oħra[15];

Illi lanqas ma huwa biżżejjed biex jingħad li seħħet novazzjoni, li jkun intlaħaq ftehim ġdid dwar xi aspett aċċessorju tal-obbligazzjoni, għaliex b'dan ma tkunx inqatlet l-obbligazzjoni ta' qabel, imma tkun seħħet biss bidla fl-implimentazzjoni jew l-estent tagħha. Fis-sustanza, f'ċirkostanza bħal din, l-obbligazzjoni oriġinali tkun tħalliet fis-seħħ[16]. Kemm hu hekk, il-fatt li tkun ingħata fakulta' lid-debitur li jibdel jew itawwal iż-żmien tal-ħlas, ma jfissirx li b'hekk tkun saret novazzjoni[17], għaliex l-obbligazzjoni ewlenija ma tkunx tneħħiet, imma għall-kuntrarju, il-bdil jew estensjoni taż-żmien jippreżumu l-obbligazzjoni;

Illi huwa minnu li l-aqwa prova li tkun seħħet novazzjoni hija ftehim miktub li jesprimi l-ħolqien ta' obbligazzjoni ġdida minflok waħda oħra ta' qabilha. Imma tista' sseħħ novazzjoni billi tinħoloq obbligazzjoni ġdida li ma tkunx formalizzata fi ftehim miktub. F'ċirkostanza bħal din, allura, l-piż tal-prova li tkun inħolqot obbligazzjoni ġdida huwa wieħed aqwa, għaliex irid jintwera li fil-fatt kien hemm ftehim ġdid u li kien hemm il-fehma tal-partijiet li taqbel li jkun hemm tali ftehim ġdid. Dwar dan ingħad li ma hemmx għalfejn li l-*animus novandi* jkun espress, sakemm jirriżulta kjarament[18];

Illi fil-każ preżenti, ladarba n-novazzjoni kienet allegata mill-kumpannija intimata, kien jaqa' fuqha l-obbligu li tipprovaha kif imiss. Fil-fehma meqjusa tal-Qorti, ma seħħilhiex tagħmel dan. Fl-ewwel lok, ma ntweriex li kien hemm *animus novandi* min-naħa tal-kumpannija rikorrenti, li, permezz tax-xhieda mressqa minnha[19], ċaħdet li qatt aċċettat li kienet ħafret is-sorte li kien għadu dovut u ħolqot obbligazzjoni ġdida li l-kumpannija intimata tħallas disa' mitt lira (Lm 900) u jinħafrilha l-bqija. Korrispondenza mibgħuta mill-kumpannija rikorrenti lil dik

[15] App. Ċiv. **27.6.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Frendo Randon vs Vella Gera*** (Kollez. Vol: **XXXVI.i.229**)
[16] P.A. **22.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ et vs Micallef et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.142**)
[17] App. Kumm. **15.3.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Merċieca noe vs Grixti*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.74**)
[18] App. Ċiv. **12.6.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Attard vs Brincat et*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.499**)
[19] Xhieda ta' Raymond Aquilina 12.6.2002, f'paġġ. 43-5 tal-proċess

intimata qabel ma nfetħet din il-proċedura[20] kienet turi b'mod ċar għal-aħħar li l-pożizzjoni tagħha kienet li żżomm sħiħ l-effetti tas-sentenza. Fid-dawl ta' din il-konflittwalita' fil-provi, il-Qorti jkollha tqis li l-prova inkonfutabbli tan-novazzjoni tiġi, fl-aħjar ipoteżi, waħda dubjuża, u għalhekk eskluża;

Illi fit-tieni lok, lanqas jidher li kien hemm il-*consensus in idem* bejn il-partijiet dwar x'kien il-ftehim milħuq. Dan jingħad għaliex, filwaqt li l-kumpannija intimata tgħid li l-ftehim kien li hija tħallas id-disa' mitt lira' għas-saldu[21], il-kumpannija rikorrenti tgħid li l-ftehim fil-laqgħa ta' Lulju 1998 kien li jinħafer nofs l-imgħax li kien inġama' fuq il-kapital dovut sa dak inhar dment li l-kapital jitħallas bla dewmien. Ukoll jekk dan kien il-każ, joħroġ ċar li l-ftehim li sata' ntlaħaq ma qatilx l-obbligazzjoni kanoniżżata imma bidel aspett anċillari biss tagħha. Lanqas ma jidher li nżammet min-naħa tal-kumpannija intimata r-rabta li bis-saħħa tagħha kien inqabel li jsir il-kontro-mandat għall-Mandat ta' Sekwestru, fejn il-fondi li kien hemm sekwestrati kellhom jitħallsu lill-kumpannija rikorrenti kontra d-dejn lilha dovut;

Illi, fit-tielet lok, jidher li l-kumpannija intimata ma wrietx konsistenza fil-fatti li fuqhom tibni l-argument tagħha dwar kif u meta nħolqot l-obbligazzjoni l-ġdida li ħassret dik oriġinali. Dan jingħad għaliex filwaqt li x-xhieda mressqa minnha indikat li l-ftehim kien intlaħaq f'laqgħa li nżammet f'Lulju tal-1998, u liema ftehim ġie ikkonfermat b'ittra mibgħuta mill-avukat tal-istess kumpannija intimata f'Awissu tal-1998[22], fi stadju ieħor tal-kawża beda jissemma li l-ftehim intlaħaq f'Novembru tal-1998[23]. Jekk dan tassew kien il-każ, l-ittra tal-4 t'Awissu, 1998, ma setgħet qatt tiswa biex tikkonferma ftehim li sar f'Novembru ta' wara. Minbarra dan, intwera wkoll li bejn Settembru tal-1998 (jiġifieri xahrejn qabel l-allegat ftehim) u Ġunju tas-sena ta' wara, il-kumpannija rikorrenti kienet konsistentement qegħda titlob ħlas ta' ammont bil wisq

[20] Dokti "RA2" u "RA3", f'paġġ. 16-7 tal-proċess
[21] Xhieda ta' John Lowell 17.10.2002 f'paġ. 50 tal-proċess
[22] Dok "RA1", f'paġ. 18 tal-proċess
[23] Paragrafi 15-6 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet, f'paġ. 56 tal-proċess

differenti minn dak li, skond il-kumpannija intimata, kien ġie miftiehem għas-saldu;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ma ssibx li tista’ tilqa’ d-difiża li tassew seħħet novazzjoni tat-titolu eżekuttiv maħluq bis-sentenza tad-19 ta’ Jannar, 1995;

Illi dwar **l-eċċezzjoni li s-somma reklamata tinkludi fiha imgħax** irid jingħad li, fit-trattazzjoni tal-għeluq tagħha, il-kumpannija intimata estendiet l-argument għall-kwestjoni tal-imgħax fuq l-imgħax. Bl-akbar rispett, dan ma kienx is-sens tal-eċċeżzzjoni oriġinali, li kienet tgħid li fi proċedura bħal din ma jistax jintalab ħlief l-eżekuzzjoni tat-titolu kanoniżżat bis-sentenza. Issa apparti l-fatt li l-kumpannija rikorrenti seħħilha turi li l-imgħax li hija tikkalkola bħala dovut lilha inħadem bir-rata ta’ mgħax sempliċi, bl-imputazzjoni tal-ħlasijiet akkont li saru isiru l-ewwel fuq l-imgħax dovut (kif preskritt mil-liġi[24]), żgur ma jistax jingħad li t-talba tal-imgħax ma tistax titqies fi proċedura bħal din. Dan l-argument ma jreġix, sewwasew għaliex, it-talba għall-ħlas tal-ispejjeż u tal-imgħax kienet waħda mit-talbiet magħmula mill-kumpannija rikorrenti meta ressqet il-kawża oriġinali kontra l-kumpannija intimata. Is-sentenza li tagħha qegħda tintalab l-eżegwibilita’ mill-ġdid inkorporat tali talba fil-parti dispożittiva tagħha, u għalhekk ma jistax jingħad li t-talba għall-eżekuzzjoni tat-titolu hija jew trid tkun limitata għat-talba dwar is-sorte;

Illi għalhekk, lanqas din l-eċċezzjoni m’hi sejra tintlaqa’;

Illi, fl-aħħarnett, dwar **l-eċċezzjoni li d-dejn kollu dovut tħallas** lis-soċjeta’ rikorrenti, jingħad li din l-eċċezzjoni hija manifestament bla bażi. Biex tiġġustifika tali eċċezzjoni, il-kumpannija intimata ssemmi ittra tat-2 ta’ Ġunju, 1998[25]. Issa, fid-dawl tal-fatt li, f’din il-kawża stess, il-kumpannija intimata allegat –għalkemm mingħajr suċċess – li aktar tard matul dik l-istess sena kien intħalaq ftehim ġdid li fih sar qbil dwar ħlas ta’ somma għas-saldu, ixejjen għal kollox l-*exceptio soluti* invokata fl-ewwel eċċezzjoni. Minbarradan, ma jidher li sar l-ebda tentativ min-naħa tal-

[24] Art. 1169(2) tal-Kap 16
[25] Dok “A”, f’paġ. 19 tal-proċess

kumpannija intimata biex tipprova li ħallset kulma kellha tħallas, u frankament lanqas biss issemma dan il-fatt fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha;

Illi, għalhekk, lanqas din l-eċċezzjoni ma hija mistħoqqa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' t-talba tal-kumpannija rikorrenti** u tordna li s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fid-19 ta' Jannar, 1995, fil-kawża fl-ismijiet "*Dottor John J. Cassar LL.D., għan-nom u in rappreżentanza tas-Soċjeta' Forestals (Appliances) Limited vs John Żarb u John Lowell għan-nom u in rappreżentanza ta' Plants Operation Limited*" (Ċitazz. Nru. 530/94JF), terġa' ssir eżegwibbli dwar il-bilanċ dovut lill-istess kumpannijari korrenti kif mitlub;

**Bl-ispejjeż** kontra l-kumpannija intimata.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------